FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Gunju, 2002

**Numru 23**

**Avviz numru 1458/01JR**

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Nazareno Azzopardi sija bil-polza sija bil-Ligi u l-istess Nazareno Azzopardi**

**vs**

**Noel Pepe**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tnax-lira Maltija u hames centezmi**

**(Lm412.05), jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-incident awtomobilistiku ta' l-10 ta' Marzu, 2001, fi Triq Hal Luqa, Paola, bejn vettura numru ta' registrazzjoni CAJ-247 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru DAC-742 misjuqa minn Raymond Azzopardi u proprjeta` ta' l-assikurat Nazareno Azzopardi, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult (Lm6.00) kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-28 ta' Novembru, 2001, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**

**Illi l-incident in kwistjoni sehh tort unikament ta' Raymond Azzopardi minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tieghu;**

**Illi bla pregudizzju d-danni pretizi huma esagerati.**

**Semgha x-xhieda ta' P.S.1067 Mario Spiteri, John Lentini, Noel Pepe, Raymond Azzopardi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fl-10 ta' Marzu, 2001, ghall-habta tal-11.55a.m., fi Triq Hal Luqa, Paola, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni DAC-742 misjuqa minn Raymond Azzopardi u proprjeta` ta' Nazareno Azzopardi assikurat mas-socjeta` attrici, u l-vettura numru ta' registrazzjoni CAJ-247 misjuqa minn Noel Pepe.**
2. **Jirrizulta li Raymond Azzopardi kien gej mid-direzzjoni ta' Santa Lucia u miexi fid-direzzjoni ta' Paola, filwaqt li l-konvenut kien miexi fid-direzzjoni opposta lejn Tal-Barrani.**
3. **Dak in-nhar ta' l-incident kienet ix-xita, u l-art kienet tizloq, kif jirrizulta mir-road accident report, Dok.A.**
4. **Raymond Azzopardi qed jghid li l-konvenut kien qed isuq fuq il-karreggjata zbaljata qed jaqbez xi karrozzi, u gej minn faccata tieghu. Fir-rigward l-attur jghid:**

   > **"Kif ghaddejt it-traffic island, sibt ma' wicci l-vettura CAJ-247.....liema karrozza kienet**

**misjuqa fuq il-lane hazina…kien qed jaqbez xi karrozzi ohra."**

5. **Meta ra hekk l-attur jghid li zamm brake u waqaf mall-ewwel, pero` l-konvenut baqa' jiskiddja ghall-go fih. Ma jirrizultax li l-attur kien ghaddej b'velocita`.**
6. **Il-konvenut jsostni li meta l-attur tela' minn mar-roundabout, l-attur ibbrejka u laqtu fuq il-mudguard ta' wara. It-Tribunal innota li mid-danni riportati fil-vettura u tenut kont ta' fejn kien l-attur meta gara l-incident, ossija, fil-post li jidher li hu fih kif indikat fl-isketch, hu inverosimili dak li qed jghid il-konvenut.**
7. **It-Tribunal irravvisa diversi inezattezzi fix-xhieda tal-konvenut li tefghu dell serju dwar il-kredibilita` tieghu. Hekk il-konvenut jghid li t-tyres tal-vettura tieghu kienu fin-nofs tat-triq, filwaqt li wara jghid li t-tyre kienet fuq il-line, u jghid ukoll li lanqas ma kien hemm linja fit-triq. Lanqas ma hu kredibbli l-konvenut meta jghid li lanqas biss ma rah, meta dan ma kellux il-viswali ostakolata.**
8. **Fic-cirkostanzi tidher tassew kredibbli l-versjoni ta' Raymond Azzopardi, fis-sens li l-konvenut kien qed isuq ghan-nofs tat-triq, u skiddja u baqa' diehel ghall-fuq l-attur. Il-konvenut, tenut kont li t-triq hemm tizloq, li kienet ix-xita, messu saq b'aktar diligenza, u definitivament l-incident gara unikament tort tieghu.**

9. Bhala danni l-attur kellu hsara (dent) fuq il-mudguard tal-lemin ta' quddiem. Sar survey Dok.JL3, dwar id-danni li garrab l-attur, u gew esebiti ir-ricevuti dwar id-danni reklamati, Dok.JL2, JL4 u JL5, u minn dawn jirrizulta li l-ammont mitlub mhux esagerat u huwa dovut.

Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tnax-lira Maltija u hames centezmi (Lm412.05), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, mhux inkluzi l-ispejjez tal-konsult, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
GUDIKATUR